

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > [Notifika Ta' Dokumenti](#) > Croatia

## Notifika ta' dokumenti

Il-Kroazja



Il-Kroazja

NB! Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1393/2007](#) inbidel bir-Regolament (UE) [2020/1784](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2022.

In-notifiki li saru skont ir-Regolament il-ġdid jistgħu jinstabu [hawnhekk!](#)

### L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmetturi

Art. 2(1)

L-aġenziji kompetenti Kroati ta' trażmissjoni għan-notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż huma kif ġej:

- fil-każ ta' dokumenti ġudizzjarji, il-qorti li hija obbligata li tinnotifika;
- fil-każ ta' dokumenti ekstraġudizzjarji, il-qorti muniċipali (*općinski sud*) li fit-territorju tagħha tkun domiċiljata, abitwalment residenti jew stabbilita l-persuna li lilha jrid jiġi notifikat id-dokument;
- fil-każ ta' dokumenti li ġew ċertifikati jew maħruġa minn nutara, il-qorti muniċipali li fit-territorju tagħha jkunu stabbiliti.

L-aġenziji ta' trażmissjoni huma l-qorti muniċipali, il-qorti tal-kontej (*županijski sudovi*), il-qorti kummerċjali (*trgovački sudovi*), il-Qorti Kummerċjali Għolja (*Visoki trgovački sud*) u l-Qorti Suprema (*Vrhovni sud Republike Hrvatske*).

Il-President tal-Qorti Suprema jista' jawtorizza qorti muniċipali waħda biss jew ftit minnhom biss fit-territorju ta' qorti tal-kontea waħda jew aktar biex iwettqu l-kompiti ta' notifika.

Ikklikkja fuq il-link hawn taħt biex tara l-awtoritajiet kollha kompetenti relatati ma' dan l-Artikolu.

[Lista ta' awtoritajiet kompetenti](#)

### L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

Art. 2(2)

L-aġenziji riċeventi tas-servizz fir-Repubblika tal-Kroazja huma:

- il-qorti muniċipali li fit-territorju tagħha jridu jiġu notifikati d-dokumenti, kif indikat fil-bażi ta' dejta tal-qorti.

Il-President tal-Qorti Suprema jista' jawtorizza qorti muniċipali waħda biss jew ftit minnhom biss fit-territorju ta' qorti tal-kontea waħda jew aktar biex iwettqu l-kompiti ta' notifika.

Il-qorti muniċipali bil-kompetenza territorjali tagħhom huma indikati bħala fil-bażi ta' dejta tal-qorti.

Lista tal-postijiet f'ordni alfabetika b'kodiċijiet postali tinsab fil-bażi ta' dejta tal-qorti.

Ikklikkja fuq il-link hawn taħt biex tara l-awtoritajiet kollha kompetenti relatati ma' dan l-Artikolu.

## Lista ta' awtoritajiet kompetenti

### L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti

- L-Artikolu 2(4)(c)

Id-dokumenti jistgħu jiġu rċevuti bil-posta fir-Repubblika tal-Kroazja.

### L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

- L-Artikolu 2(4)(d)

Il-Kroazja se taċċetta l-formoli standard mimlija bil-lingwa Kroata.

### L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

Il-korp ċentrali responsabbli biex (a) jagħti informazzjoni lill-aġenziji ta' trażmissjoni; (b) ifittex soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tista' tingala' matul it-trażmissjoni ta' dokumenti għan-notifika; (c) imexxi, f'każijiet eċċezzjonali, fuq talba tal-aġenzija ta' trażmissjoni, talba għal notifika lill-aġenzija riċeventi kompetenti, huwa:

il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Ministarstvo pravosuđa Republike Hrvatske*)

Ulica grada Vukovara 49

tel: +385 1 371 40 00

faks: +385 1 371 45 07

sit web: <http://www.mprh.hr>

### L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti

Il-Kroazja se taċċetta l-formoli standard mimlija bil-lingwa Kroata.

### L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Skont il-liġi Kroata ma hemm l-ebda perjodu massimu li fih iridu jiġu notifikati d-dokumenti.

### L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Il-Kroazja se taċċetta ċ-ċertifikati tan-notifika bil-lingwa Kroata.

### L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz

Ma għet stabbilita l-ebda miżata uniformi biex jiġu koperti l-ispejjeż tan-notifika fir-Repubblika tal-Kroazja.

### L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

a) Ir-Repubblika tal-Kroazja mhijiex kontra n-notifika ta' dokumenti permezz ta' aġenti diplomatiċi jew konsulari skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1);

b) Ir-Repubblika tal-Kroazja opponiet in-notifika ta' dokumenti mill-qrati tal-Istati Membri fuq parti li tinsab fil-Kroazja, sakemm id-dokumenti ma jkunux se jiġu notifikati lil ċittadini tal-Istat Membru li fih joriġinaw id-dokumenti (l-Artikolu 13(2)).

### L-Artikolu 15 - Servizz dirett

In-notifika diretta mhijiex permessa skont il-liġi Kroata.

### L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri

a) Il-qrati Kroati jistgħu jaqgħu sentenzi jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(2).

b) Mhux se tkun permessa talba għal eżenzjoni mid-dekadenza jekk tiġi ppreżentata aktar minn sena wara l-

adozzjoni tas-sentenza.

L-Artikolu 20 - Ftehimiet jew arranġamenti li tagħhom huma firmatarji l-Istati Membri u li huma konformi mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 20(2)

Il-ftehim jew l-arranġament li huma parti minnu l-Istati Membri skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament huwa:

- il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja tas-7 ta' Frar 1994 dwar l-assistenza legali f'materji ċivili u kriminali.

■ L-aħħar aġġornament: 06/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.